**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Anthony Fenech**

**Illum 14 ta' Jannar, 2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Fenech, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 092753M billi huwa akkuzat talli nhar it-22 ta' Ottubru 2018 u fil-granet, gimghat u xhur ta' qabel gewwa l-Kuncizzjoni l/o Rabat (Malta), b'diversi atti maghmula minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Gab u zamm annimal perikoluz cioe' ors, iljun u tigra minghajr l-apporvazzjoni bil-miktub mehtiega moghtija mid-direttur responsabbli ghas-servizzi veterinarji u dan bi ksur tar-Regolament 4 tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-istess dati, lok u cirkostanzi zamm annimal perikoluz f'maghlaq mhux adegwat u sigur li jirrispetta r-rekwiziti tal-annimal perikoluz inkluzi f'termini ta' sahha, indafa u mikroklima mehtiega ghall-benesseri tal-istess annimal u dan bi ksur tar-Regolament 5 tal-L.S. 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsultat mal-avukat Dr. Alfred Abela li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Semghet lid-difiza tobliga ruhha li l-imputat kien se jhallas il-pagament maqbul mad-Direttorat ghar-Registrqazzjoni Veterinarji datat 12 ta' Novembru 2019:

*Re: Pagament ghar-rilokazzjoni tal-ors li jinstab fil-propjeta` ta' Anthony Fenech*

*Din l-ittra hija segwitu tal-komunikazzjoni b'email bejnek u bejn id-Dipartiment ghar-Regolazzjoni Veterinarja ("id-Dipartiment"), rigward ir-rilokazzjoni tal-ors, Ursus americanus mil-propjeta` ta' Anthony Fenech.*

*Id-Direttur ghar-Regolazzjoni Veterinarja ("id-Direttur") ser ihallas l-ispejjez kollha ghat-trasport ta' dan l-ors peress li l-pagament jrid isir bil-quddiem u komplut, bil-patt u kundizzjoni li Anthony Fenech ghandu jhallas lura dawn l-ispejjez lid-Direttur, liema spejjez jammontaw ghal 9,300 ewro. Dan il-pagament ghandu jsir b'rati mensili ta' tmien pagamenti ta' 1,000 ewro, u pagament wiehed, ta' 1,300 ewro.*

*Dawn il-pagament huma senza interessi, u b'kundizzjoni li l-pagamenti ghandhom isiru skond l-appendici anness ma' din l-ittra. Jekk din il-kundizzjoni ma tigix rispettata, id-Direttur qed izomm id-dritt li jibda l-proceduri relevanti legali kollha.*

*Kopja ta' din l-ittra ffirmatha minn Anthony Fenech ghandha tasal ghand id-Direttur sa mhux iktar tard minn 12:00pm tal-15 ta' Novembru, 2019. Din il-konferma tista' tigi scanned u tintbaghat b'email.*

*Jekk din il-konferma ma tasalx sa dak il-hin, id-Direttur ghandu jifhem li l-kundizzjonijiet ta' din l-ittra ma gewx accettati minn Anthony Fenech u allura jinbdew proceduri legali kontra l-imsemmi Anthony Fenech.*

*Jekk il-pagament isir imma l-ors ma jkunx disponibbli ghat-trasport minn Anthony Fenech, kull pagament li jkun diga' sar ma jigix imhallas lura u dan apparti kull procedura legali ohra disponibbli ghad-Direttur.*

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**DECIDE:**

Il-Qorti wara li rat Art. 17, ir-regolament 4 u 5 tal-LS 439.19 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Art. 45 tal-Kap. 439 tikkundanna lill-imputat elf u hames mitt ewro (€1,500) multa u torbtu wkoll illi sal-15 ta' Lulju 2020 jew qabel, ikun

hallas l-ammont ta' disat'elef u tlett ,itt ewro (€9,300) Ewro lid-Dipartiment ghar-Regolazzjoni Veterinarja skont id-dokument Dok. AF1.

Il-Qorti taghti zmien lill-imputat ihallas il-multa imposta minn din il-Qorti fi zmien sena millum u jekk ma jaghmilx dan il-multa tkun ikkonvertita fi prigunerija.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**